**JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002**

Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 1 | Storja | Ħin: siegħa u nofs |
|---|---|---|

Name: ______________________ Class: ________________

---

## A: Agħmel sing taħt ir-risposta t-tajba:

1. L-ewwel nies li ġew Malta sabu għajnuna kbira minħabba l- (*klima, ħarrub, bajtar, merħliet tal-mogħoż*).
2. L-Ipoġew ta' Ħalsaflieni jinsab (*Ħal Għaxaq, Ħal Balzan, l-Imġarr, Raħal Ġdid*).
3. F' Ħalsaflieni ntużat żebgħa ħamra magħrufa bħala (*Punika, kolonja, ċedru, nogħra*).
4. Arkeologu u tabib Malti magħruf ħafna, li għen fl-iskavi ta' Ħal Tarxien u Għar Dalam kien (*Ġan Franġisk Abela, Tumas Dingli, Ġlormu Cassar, Temi Żammit*).
5. (*F' Tas-Silġ, Fi Skorba, F'Għajn Tuffieħa, F il-Wardija*) l-arkeoloġi sabu fdalijiet preistoriċi kif ukoll fdaljiet tal-Feniċi, tal-Kartaġiniżi u tar-Rumani.
6. Għan-nies ta' l-Ewropa ta' Fuq, l-ikbar fost l-allat kollha kien (*Odin, Zeus, Ra, Atene*).
7. Il-ktieb qaddis għall-Musulmana huwa l- (*Bibbja, Quran, Ktieb tal-Mejtin, Ktieb l-Aħmar*).
8. Fil-pika li qamet fil-Mediterran bejn il-Kartaġiniżi, il-Griegi u r-Rumani, il-gwerra ntrebħet (*minn Ruma, minn Kartaġni, mill-Griegi*). Bosta sudditi Rumani kienu jitgħallmu (*it-Taljan, il-Grieg, l-Isqalli, l-Għarbi*).
9. Il-fdal l-iktar importanti li ħallewlna l-Kartaġiniżi huwa (*villa, tempju, biċċa ċeramika, iċ-Ċippus*). Fuqu nsibu poeżija lil Alla (*Melkart, Ġuno, Apollo, Proserpina*).
10. Malta waqgħet f' idejn ir-Rumani (*fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet*) Gwerra Punika.
11. L-Imperatur (*Ġulju Ċesri, Neruni, Kostantinu, Ġustinjanu*) ta l-liberta` lill-Insara fis-sena 313 W.K.
12. Meta l-Imperu Ruman inqasam fi tnejn, il-Gżejjer Maltin bdew jagħmlu parti mill-Imperu Ruman (*tal-Punent, tal-Lvant, tat-Tramuntana*). Dan beda jissejjaħ l-Imperu (*Għarbi, Tork, Biżantin, Venezjan*). (Total = 15-il marka)

**B: Uża l-kliem li ssib b'sing taħtu biex tibni DIZZJUNARJU tal-PREISTORJA MALTIJA:**

Fil-**PREISTORJA**, kien hawn żmien meta l-Gżejjer Maltin kienu magħquda man-naħa t' isfel ta' l-Ewropa. Insibu l-prova ta' dan li qed ngħidu f ' **GĦAR DALAM**, fejn sibna **FOSSILI** ta' annimali bħall-iljunfant, l-ors, iċ-ċerva u l-ippopotamu. Sibna wkoll il-fdalijiet taċ-**ĊINJU**.

Ħafna żmien wara dan li qed ngħidu, ġew Malta l-ewwel nies li nafu bihom s' issa. Dawn ġew minn Sqallija. Dawn in-nies insejħulhom **NEOLITIĊI**. Qabel iż-żmien Neolitiku, il-bniedem kien nomadu. In-nomadu huwa kaċċatur. Jew isib l-ikel jew imut. Fin-Neolitiku, il-bniedem ma baqax nomadu. Il-bniedem tgħallem jiżra' l-għelieqi u tgħallem ukoll jimmansa l-annimali li bdew jipprovdulu laħam u ħalib.

In-Neolitiċi li ġew Malta minn Sqallija, ħadmu fuħħar jixbaħ ħafna lill-fuħħar li sibna Stentinello, post fil-Lvant ta' Sqallija. Dawn in-nies għexu hawn għal bosta żmien. Fi **SKORBA** sibna l-eqdem fdalijiet ta' djar jew griebeġ.

Imbagħad hawn Malta, għexu n-nies ta' **Żmien ir-Ram**. Dawn in-nies bnew tempji mill-isbaħ, ħaffru **IPOĠEW**, naqqxu statwi u ħadmu fuħħar mill-ifjen. Fil-**ĠGANTIJA** nsibu prova tal-ħila ta' dawn in-nies. It-tempji tal-Ġgantija huma uniċi, m'hawnx bħalhom.

Wara n-nies ta' Żmien ir-Ram, għexu f ' Malta dawk ta' **Żmien il-Bronż**. Hawnhekk il-ħajja marret lura u ż-żminijiet saru iktar diffiċli. Hekk fost il-fdalijiet ta' Żmien il-Bronż insibu postijiet iffortifikati u armi għall-ġlied. Il-fuħħar ta' dawn in-nies huwa maħdum b'mod raff, mhuwiex irfinut. Kienu anke jidfnu wara li jaħarqu lill-mejtin tagħhom. In-nies ta' Żmien il-Bronż ħallewlna wkoll strutturi magħrufa bħala d-**DOLMEN** u l-**MENHIR**.

Ma tantx nafu affarijiet ċerti fuq dawn iż-żminijiet hekk imbiegħda. Kollox huwa moħbi fid-dlam ta' l-imgħoddi. L-**ARKEOLOĠI** jgħallmuna ħafna dwar dawn iż-żminijiet. L-arkeoloġi jagħmlu **SKAVI** imbagħad jistudjaw il-fdalijiet misjuba, jinterpretawhom u b'hekk jgħallmuna ħafna dwar il-passat.

**DIZZJUNARJU**:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | | għadam ġebli |
| 2 | | għar qrib Birżebbuġa |
| 3 | | iż-żmien kollu qabel ġew il-Feniċi f' Malta |
| 4 | | għasfur kbir (*swan*) li sibna l-fossili tiegħu Għar Dalam |
| 5 | | tiftix għal fdalijiet storiċi permezz ta' tħaffir taħt l-art |
| 6 | | post imħaffer taħt l-art u użat għad-dfin |
| 7 | | in-nies taż-Żmien il-Ġdid tal-Ħaġar |
| 8 | | post qrib l-Imġarr ta' Malta |
| 9 | | tempji megalitiċi qrib ix-Xagħra Għawdex |
| 10 | | perjodu fil-preistorja Maltija li jiġi ftit qabel il-miġja tal-Feniċi |
| 11 | | xjentisti li jistudjaw il-fdalijiet storiċi bħall-fossili |
| 12 | | perjodu sabiħ immens fil-preistorja Maltija li fih inbnew bosta tempji megalitiċi |
| 13 | | ħaġra kbira mimduda wieqfa fuq 2 ġebliet |
| 14 | | ħaġra kbira wieqfa |

(total = 14-il marka)

## Ċ: Aqsam fi __PREISTORJA__ jew __STORJA__:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Għar Dalam | San Pawl | Ġgantija | Feniċi |
| Ġulju Ċesri | Annibale | Borġ in-Nadur | Ħaġar Qim |
| Ħakma Għarbija | l-Imnajdra | | |

| **PREISTORJA** | **STORJA** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| | |

( 1/2 x 10 = 5 marki)

## D: Ħares lejn dawn it-3 sorsi, imbagħad wieġeb:



Sors 1: *arkeologu*



Sors 2: *Mara l-Ħoxna*



Sors 3: *fossili Għar Dalam*

**Wieġeb:**

1. Tnejn minn dawn is-sorsi huma SORSI PRIMARJI. Liema huma?

   (a) ________ (b) ________ (2 marki)

2. Liema sors jurina li l-bniedem minn dejjem kellu xi twemmin reliġjuż?

   ________________ (marka 1)

3. Għaliex l-arkeologu (ara sors 1) huwa importanti ħafna fl-istudju tal-Preistorja? Agħti mill-inqas raġuni waħda.

   ________________________ (2marki)

4. Semmi **sors primarju** ieħor (issemmix dawk mogħtija hawnhekk):

   ________________________ (marka 1)

5. Semmi **sors sekondarju** ieħor (issemmix dak mogħti hawnhekk):

   ________________________ (marka 1)

(Total = 7 marki)

**E**: **Ħares lejn l-istampa imbagħad wieġeb il-mistoqsijiet**:



1. Fl-istampa jidher l-Ipoġew ta' ______________________ (1)

2. Fejn insibu Ipoġew ieħor li jixbaħ lil dak ta' l-istampa?

______________________________________ (1)

3. Kemm-il saff intuża biex tħaffer l-Ipoġew il-Kbir? ______________ (1)

4. Kif inhi magħrufa l-kamra li tidher fl-istampa? ____________________(1)

5. F'dan l-Ipoġew hemm tpenġija mas-saqaf. Kif inhi magħrufa din it-tpenġija?

______________________________________ (1)

6. X' inhi d-differenza prinċipali bejn IPOĠEW u TEMPJU?

______________________________________ (2)

(Total = 7 marki)

**F: Immarka ż-żewġ kelmiet li għandhom x'jaqsmu maċ-ċivilta` msemmija:**

| | |
|---|---|
| 1. EĠITTU | Ra, Ebro, Minorka, Jerico, piramidi, Anun, Tripli, Medi |
| 2. KRETA | Tesew, Sqallija, Majorka, Minos, Zeus, Biblos, Tiru, Ateni |
| 3. GREĊJA | Plato, Po, Farawni, murex, polis, Ġulju, Neruni, Ġibilta` |
| 4. RUMA | liġijiet, Dolmen, Menhir, Deċemviri, Aristotle, Minotawru |
| 5. FENIĊI | Libanu, Mekka, Nil, Pretur, ċedru, Plato, Socrates |

(10 marki)

## Ġ: WIEĠEB:

1. Semmi żewġ affarijiet li juru li aħna l-Maltin, fil-kultura tagħna, aħna Ewropej:

   (a) ________________ (b) ________________ (2)

2. Lil min kien iddedikat fi żmien il-Feniċi, it-tempju li sibna f'Tas-Silġ?

   ________________ (1)

3. X'kienu l-*Gwerer Puniċi*? ________________

   ________________ (2)

4. Fi Żmien ir-Rumani, f' Tas-Silġ kien hemm tempju iddedikat lil Ġuno:

   (a) agħti l-isem tal-Pretur Ruman li seraq minnu: ________________ (1)

   (b) min akkużah quddiem is-senat Ruman? ________________ (1)

5. Semmi żewġ bidliet li ġabu l-Gharab meta rebħu lil Malta:

   (a) ________________

   (b) ________________ (2)

6. San Pawl ġie Malta u daħħal it-twemmin Nisrani fil-Gżejjer Maltin:

   (a) agħti s-sena li fiha ġie San Pawl: ________________ (1)

   (b) Fejn kien sejjer? ________________ (1)

   (c) Min kien jaħkem f' Malta meta ġie S Pawl? ________________ (1)

7. Kif nafu li mhux il-Maltin kollha saru Nsara wara l-miġja ta' S Pawl?

   ________________

   ________________ (3)

(Total = 15-il marka)

**G**: **Qabbel l-ismijiet li ġejjin skond il-mappa mogħtija, imbagħad għid x'hemm fil-post imsemmi:**

Waħda minnhom hija lesta bħala eżempju.




Għar Dalam, Halsaflieni, Tas-Silġ, Ġgantija, Rabat, Ramla l-Ħamra, Ħaġar Qim.

| | | |
|---|---|---|
| 1 | | |
| 2 | | |
| 3 | | |
| 4 | Halsaflieni | Ipoġew |
| 5 | | |
| 6 | | |
| 7 | | |

(2 marki x 6 = 12-il mark)

## GĦ: Ikteb fit-tul dwar wieħed minn dawn is-suġġetti li ġejjin:

(15-il marka)

1. **Ikteb dwar Ċivilta` antika** li kibret madwar ix-xtut tal-Mediterran. Għid għal xiex baqgħet magħrufa, fisser l-importanza tagħha u semmi xi fdalijiet li għadna nistgħu naraw illum.

2. **IL-FENIĊI:** għid min kienu u għal xiex baqgħu magħrufa. Semmi xi fdalijiet tagħhom li fadlilna f'Malta. L-oqbra li ħallewlna.

3. **Ir-RUMANI f'MALTA:** Semmi kif il-Gżejjer Maltin waqgħu f' idejn ir-Rumani. Ikteb dwar il-bidu iebes tal-Ħakma Rumana f' Malta, il-progress li sar wara. Semmi xi fdalijiet tar-Rumani li għadna nistgħu naraw hawn.

4. **Ikteb dwar it-TEMPJI MEGALITIĊI** li għandna fil-Gżejjer Maltin. Ikteb dwar l-importanza tagħhom u għid kif nistgħu nibżgħu għalihom filwaqt li nużawhom għal skopijiet turistiċi.